MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2009

Rikors Numru. 454/2009

**Publishers Enterprises Group (P.E.G.) Limited**

**-vs-**

**X**

## Il-Qorti:

Dan huwa rikors li s-socjeta’ rikorrenti ppresentat fit-13 ta’ Mejju 2009 sabiex titlob minn din il-Qorti harsien skond id-disposizzjonijiet tal-Art. 329 (B) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalkemm fir-rikors promotur is-socjeta’ rikorrenti tablet rimedji skond id-disposizzjonijiet tal-Art. 392B tal-Kap. 386, ir-riferenza ghal din id-disposizzjoni kienet evidentement zball ghaliex l-Art. 392 tal-Kap. 386 jittratta materja ghal kollox differenti. Kien ghalhekk li fl-udjenza tal-kawza tat-2 ta’ Gunju 2009 saret talba biex l-Artikolu

tal-ligi citat jinbidel ghall-Art. 329B tal-Kap. 386. Naturalment din il-Qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni ghax evidentement *si trattava* ta' zball dattilografu.

Il-premessi tar-rikors jghidu hekk:-

"Illi l-Kumpannija rikorrenti Publishers Enterprises Group (P.E.G.) Limited (C6404) hija kumpannija b'responsabbilita' limitata (*limited liability company*) li ghandha n-numru ta' registrazzjoni numru C6404 u li ghandha l-ufficcju registrat taghha gewwa PEG Buildings, UB7 Industrial Estate, San Gwann, SGN 09;

Illi l-kumpannija rikorrenti hi kumpannija li kienet ilha tinnrgozja fuq is-suq Malti bi profitt sa mill-1983. Madankollu fl-ahhar ftit snin kien hemm peggjorament fis-suq in generali li wassal sabiex tihzien is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija. Minkejja dan il-kumpannija baqghet tirraporta profitt;

Illi x-xoghol tal-kumpannija jikkonsisti f'xoghol ta' stamperija u *publishing house* u timpjega 21 persuna;

Illi nhareg mandat ta' qbid fil-konfront tal-kumpannija minn Sado Limited li hi kreditrici tal-kumpannija. Dan il-mandat ta' qbid gie ezegwit ricentement u *cioe'* fl-20 ta' April 2009 u gew elevati mill-poter tal-kumpannija l-makni li hemm deskritti fl-anness verbal tal-Marixxal Joseph Azzopardi;

Illi b'digriet taghha tas-6 ta' Mejju 2009 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet rikors tal-kumpannija li fiha ntalbet ir-revoka tal-mandat;

Illi minghajr il-makni in kwistjoni l-kumpannija ma tistax tibqa' topera u fic-cirkostanzi tal-lum ma tkunx tista' ragjonevolment tevita l-istralc minhabba insolvenza. F'tali cirkostanza l-kreditur ezekutanti SADO Limited ikun ottjena preferenza mhux misthoqqa fuq il-kredituri l-ohra tal-kumpannija *oltre* li jkun ipprovoka direttament l-insolvenza taghha;

Illi wara li kkonsidraw attentement ic-cirkostanzi kollha rilevanti, id-diretturi tal-kumpannija waslu ghall-konkluzjoni li l-ahjar soluzzjoni ghall-kredituri, l-azzjonisti u l-impjegati tal-kumpannija, u naturalment ghall-kumpannija nnifisha tkun li din tibqa’ topera u ghal dan il-ghan qieghed isir dan ir-rikors;

Illi fil-fatt id-diretturi rredigew opinjoni ghall-finijiet tal-Art. 329(B)(2)(a) tal-Att dwar il-Kumpanniji;

Illi fiz-zminijiet tal-lum l-esponenti jemmnu li ghandhom jinghataw opportunita’ biex isalvaw il-kumpannija u jiggarantixxu l-ghixien tal-*maggior parti* tal-impjegati ezistenti.”

Ghalhekk is-socjeta’ rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:-

“(i) Tpoggi l-kumpannija taht *Company Recovery Procedure* a tenur tal-Artikolu 329B tal-Att dwar il-Kumpanniji u ghal dan il-ghan tahtar Kontrollur Specjali biex jamministra n-negozju tal-kumpannija ghal perjodu ta’ tnax il-xahar;

(ii) Taghti dawk id-direttivi u ordnijiet opportuni ghall-ahjar andament tal-procedura premessa u in partikolari tordna li b’effett immedjat jigu ritornati fil-pussess taghha l-makni u oggetti ohra maqbuda bil-poter taghha permezz tal-Mandat ta’ Qbid numru 602/07.”

Rat id-dokumenti (Dok. ‘A’ sa Dok. ‘E’) li s-socjeta’ rikorrenti esebiet in sostenn tat-talbiet taghha.

Semghet ix-xhieda ta’ Emanuel Debattista fil-kwalita’ tieghu ta’ direttur tal-kumpannija rikorrenti fl-udjenza tal-kawza tat-2 ta’ Gunju 2009.

Ikkunsidrat:-

**Il-procedura biex kumpannija tirkupra**

Il-kuncett ta’ *company recovery procedure* maghruf ukoll bhala *company rescue* kien introdott ghall-ewwel darba

fid-dritt socjetarju Malti permezz tal-Art. 329B tal-Kap. 386.

Fil-ktieb tieghu “*Principles of Maltese Company Law*” (*Malta University Press* – 2007) Pg. 45 il-Professur Andrew Muscat jghid hekk –

“*The primary aim of this far reaching procedure is to allow, if practicable, companies in financial difficulty to recover rather than to be put them into liquidation. The procedure is intended to be an alternative to the liquidation of a troubled business. It is not however intended to make effective insolvency or to merely postpone the inevitable crash*”.

Huwa kliem iebes izda preciz li mieghu din il-Qorti taqbel wara li qieset bir-reqqa l-Art. 329B tal-Kap. 386, konsiderazzjoni li tqieghed fil-kuntest proprju l-binarji li fuqhom trid timxi din il-Qorti sabiex tiddeciedi dwar it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti.

**Il-qaghda finanzjarja attwali tar-rikorrenti**

Minn esami tad-dokumenti esebiti (debitament konfermati bil-gurament mix-xhud Emanuel Debattista fl-udjenza tat-2 ta’ Gunju 2009) jirrizulta li r-rikorrenti ghaddejja minn fazi fejn ma tistax thallas id-djun taghha [Art. 329(1)(a) tal-Kap. 386] u li fil-fatt mhix qed tissalda d-djun jew talbiet ghall-hlas li qed isirulha mill-kredituri taghha. In partikolari kreditur minnhom Sado Limited in esekuzzjoni ta’ titolu esekuttiv kontra r-rikorrenti mhux biss irrikorra ghal proceduri ta’ subbasta izda kiseb minn din il-Qorti (diversament presjeduta) permess sabiex makni ta’ produzzjoni tar-rikorrenti jghaddu fil-pussess ta’ konsenjatarju sabiex jinbieghu bis-subbasta (*fol*. 23).

**Ir-regolarita’ tar-rikors**

Jirrizulta li sa issa dwar ir-rikorrenti la giet xjolta volontarjament u lanqas inghata dwarha xi ordni ta’ stralc [Art. 329(1)(f) tal-Kap. 386]. Jidher li r-rikorrenti ressqet flimkien mar-rikors dikjarazzjoni tal-attiv u l-passiv, lista

tal-kredituri, l-ammonti tal-krediti u taghrif iehor. Jirrizulta li r-rikors fih ukoll spjegazzjoni tac-cirkostanzi li r-rikorrenti tqis li wasslu ghall-qaghda ta' bhalissa u dikjarazzjoni ta' kif il-qaghda finanzjarja taghha tista' titjieb ghall-beneficcju taghha u tal-impjegati taghha [Art. 392B(2)(a) tal-Kap. 386]. Jirrizulta li d-decizjoni biex tkun intavolata din il-procedura ittiehdet b'rizoluzzjoni mehuda f'laqgha tal-Bord tad-Diretturi tas-7 ta' Mejju 2009 (Dok. 'A'). Skond l-istess risoluzzjoni, kellha wara tissejjah laqgha generali straordinarja tal-azzjonisti tal-kumpannija fil-11 ta' Mejju 2009 ghall-istess fini.

Ma jirrizultax li d-diretturi tal-kumpannija laqqghu specifikament il-laqgha generali tal-kumpannija skond l-Art. 329A tal-Kap. 386 <u>qabel</u> ressqu l-procedura ta' rkupru. *Cio' nonostante* anke kif jirrizulta mix-xhieda ta' Emmanuel Debattista li d-decizjoni tal-*company recovery procedure* ttiehdet mid-diretturi fl-interess tal-istess kumpannija. Lanqas ma jirrizulta li ghax il-laqgha generali straordinarja kienet se tissejjah wara r-risoluzzjoni tad-diretturi l-procedura ntavolata fic-cirkostanzi tal-kaz kienet se tkun kontra l-interess tal-azzjonisti. Aktar u aktar f'dan il-kaz fejn *si trattava* ta' *private company*.

<u>**Il-pjan propost**</u> (Dok. 'D')

Il-pjan tar-rikorrenti sabiex tirristruttura l-attivita' taghha bil-ghan li ssir mill-gdid vijabbli huwa nkorporat fid-Dok. 'D' (*fol*. 20). Ghalkemm mhux pjan dettaljat, fl-istrategija taghha l-azjenda qed tidentifika mizuri specifici elenkati fid-Dok. 'D' li skond ir-rikorrenti tghid li ghandhom idawru l-kurrent avvers tan-negozju favur taghha. Naturalment il-pjan irid jara t-twettieq tieghu fil-prattika u r-rikorrenti trid taghmel kull sforz u sagrificcju sabiex tissoddisfa lil din il-Qorti li l-propositi taghha huma prattici u finanzjarjament fattibbli u tbieghed kull suspett li l-procedura ntrapresa mhix xi strategija tad-diretturi taghha biex ibieghdu kemm jistghu kollass shih u inevitabbli tal-kumpannija a skapitu tal-kredituri taghha.

Il-pjan propost huwa biss bidu u jrid jissejjes fuq strategija organika li trid twassal ghal risanament tal-qaghda

finanzjarja taghha.  Din l-istrategija azjendali trid tkun ben diretta u trid issib sostenn anke mill-kredituri tal-kumpannija li necessarjament trid tintavola negozjati maghhom sabiex il-pjan ta' rilanc azjendali jkun sostnut bid-debiti kontrolli u kawteli. L-iskop tal-procedura odjerna huwa propju li jsalva kumpannija li bid-debiti kawteli tista' realment tkun f'posizzjoni li tistejqer u taqbad mill-gdid it-triq ghall-profitt.

**Il-fehma ta' din il-Qorti**

Jirrizulta li d-diretturi ta' l-kumpannija rikorrenti minflok marru ghall-procedura tal-istralc bil-konsegwenzi kollha (aktar negattivi milli posittivi taghha) li procedura ta' dik ix-xorta timporta, irrikorrew ghall-procedura tal-irkupru tal-kumpannija sabiex prevja d-debiti kawteli kif ukoll kontrolli ta' din il-Qorti l-istess kumpannija ddur dawra sewwa madwarha u fi zmien limitat taghmel il-bidliet kollha li hemm bzonn fl-oqsma kollha tat-tmexxija interna u tan-negozju taghha sabiex terga' ssib it-triq tal-istabilita' finanzjarja kemm ghaliha, kemm ghall-impjegati taghha izda wkoll fl-interess tal-kredituri taghha.  In partikolari dawn tal-ahhar ghandu jkollhom l-interess primarju taghhom li finalment jithallsu fi zmien ragonevoli l-kreditu taghhom u mhux li jaraw lid-debitur taghhom imut mewta (naturali jew forzata) bil-konsegwenza reali li jispiccaw ma jirkupraw xejn jew ftit minn dak dovut lilhom.  Naturalment f'cirkostanzi ta' din ix-xorta il-bilanc tal-interessi ghandu rilevanza ewlenija.

Dwar l-interess tal-kredituri, din il-Qorti ssostni li sabiex il-krediti taghhom jithallsu tassew, l-unika triq li taghmel sens fl-interess taghhom ilkoll huwa li r-rikorrenti tithalla twettaq il-pjan taghha propost, li ghandu jsir aktar dettaljat sabiex ikun il-frott ta' strategija mirata u ben diretta, u possibbilment attwabbli fi zmien ragonevolment qasir.  L-ordni ta' rkupru tal-kumpannija ghandu jaghti dan il-harsien.

Din il-Qorti tghid ukoll li fil-provvediment li ser tiehu se tqis ukoll il-qaghda tal-impjegati tar-rikorrenti u l-ahjar interessi taghhom.  Il-pjan tar-rikorrenti jahseb ghal tnaqqis limitat

fin-numru ta' impjegati. Kull decizjoni li tittiehed f'dan ir-rigward ghandha ggorr kawtela kbira u *kwalsiasi* sensja ghandha tkun cirkoskritta fl-ghadd, u ben diretta fl-ahjar interess tal-impjegati nnfushom u tar-rilanc ta' l-azjenda fit-totalita' taghha. Is-sensja ghandha tkun l-ahhar mizura (*the measure of the last resort*) u ghandu jsir kull sforz sabiex tigi evitata s-sensja ta' dawk l-impjegati li jistghu jkunu vitali sabiex il-kumpannija terga' tiehu r-ruh. Jekk sensja limitata ta' haddiema tkun fatt inevitabbli, allura kull dritt spettanti lilhom ghandu jkun imhares bis-shih qabel ikun terminat l-impieg taghhom.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-pjan tar-rikorrenti joffri, ghall-inqas mad-daqqa t'ghajn, prospett ta' vijabilita' ghat-twettieq tieghu kemm-il darba jinholqu l-kondizzjonijiet xierqa sabiex jithalla jitwettaq minghajr pressjoni ta' decizjonijiet mghaggla dettati minn paniku ta' terzi ghall-kumpannija rikorrenti.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-pjan mhux intiz bhala manuvra tar-rikorrenti biex ittawwal tmiem inevitabbli u bil-mizuri li din il-Qorti ser tiehu hija se taghmel kull sforz sabiex tassikura li dak ma jkunx il-kaz. Ghax jekk lil din il-Qorti ikun eventwalment irrizultalha xort'ohra, allura l-provvedimenti li tiehu jkunu drastici ghall-ahhar.

Din il-Qorti tqis ukoll li c-cahda tat-talba tal-kumpannija rikorrenti tkun tfisser minnufih il-bidu ta' procedura ta' likwidazzjoni u stralc taghha b'konsegwenzi li potenzjalment ma jkunux tajba ghall-kredituri taghha u mhux l-anqas ghall-impjegati tar-rikorrenti.

**<u>Provvediment</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tipprovdi dwar it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti billi:

**Tilqa' l-ewwel talba taghha u tordna li l-kumpannija Publishers Enterprises Group (P.E.G.) Limited (Registrata bin-numru C6404) titqieghed taht procedura biex kumpannija tirkupra (*company***

***recovery procedure*) ghall-finijiet tal-Art. 329B tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Konsegwentement tahtar bhala Kontrollur Specjali ghall-finijiet tal-Art. 329(5) tal-Kap. 386 u b’effett immedjat lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono u dan billi din il-Qorti hija sodisfatta li huwa persuna li ghandha l-hila u l-esperjenza mehtiega biex iwettaq din il-hatra. Lilu taghti s-setghat u d-dmirijiet ta’ tmexxija u amministrazzjoni tal-gid tal-kumpannija rikorrenti u kif ukoll tal-amministrazzjoni tan-negozju tal-kumpannija ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**B’mod partikolari u bla hsara ghall-generalita’ ta’ tali setghat l-imsemmi Kontrollur Specjali ghandu: (a) jiehu f’idejh it-tmexxija tal-kumpannija rikorrenti u jiehu f’idejh il-gid taghha; (b) iniedi l-process tal-ezami tal-qaghda attwali tal-istess kumpannija; (c) iressaq rapport inizjali lil din il-Qorti sa mhux aktar tard minn xahrejn mil-lum skond l-Art. 329B(6)(c) tal-Kap. 386, u r-rapporti l-ohrajn minn zmien ghal zmien skond kif jipprovdi l-Art. 329B(11) tal-Kap. 386; (d) jahtar, wara li gharraf lill-Qorti b’nota, lil dik il-persuna jew lil dawk il-persuni li huwa jhoss li jkunu mehtiega biex jghinu fil-qadi tal-hatra tieghu u ghall-finijiet tal-Art. 329B(6)(g) tal-Kap. 386; u (e) li jsejjah fiz-zmien stabbilit mill-Art. 329B(7) tal-Kap. 386 dawk il-laqghat mal-kredituri u mal-membri li huwa jqis fid-diskrezzjoni tieghu mehtiega biex jinghata t-taghrif mitlub u biex iwettaq kif imiss l-inkariku tieghu.**

**Tistabilixxi t-terminu ta’ tnax-il xahar kalendarji mil-lum bhala zmien tal-hatra tal-imsemmi Kontrollur Specjali ghall-finijiet tal-Art. 329B(1)(c) tal-Kap. 386.**

**Tordna li sakemm tibqa’ fis-sehh il-procedura odjerna ordnata minn din il-Qorti ghandu jkun operattiv kollu kemm hu l-Art. 329(4) tal-Kap. 386. Fl-istess waqt tastjeni f’dan l-istadju milli tiehu konjizzjoni ta’ dik il-parti tat-tieni talba tar-rikorrenti fejn din talbet ir-ritorn immedjat tal-makni u oggetti ohra maqbuda bil-poter taghha permezz tal-mandat ta’ qbid Numru 602/2007.**

**Tordna n-notifika ta' dan id-digriet lir-Registratur tal-Kumpanniji, lir-Registratur tal-Qorti u lill-Kontrollur Specjali Avukat Dottor Richard Galea Debono a kariku tal-kumpannija rikorrenti.**

**Tordna lill-kumpannija rikorrenti sabiex, sa zmien ghaxart (10) ijiem mil-lum, iggib avviz ta' daqs xieraq f'zewg gurnali lokali, wiehed bl-ilsien Malti u l-iehor bl-ilsien Ingliz, b'sunt tal-parti dispozittiva tal-ordni moghti b'dan id-digriet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------